# BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
# CENTRAL BANK OF MALTA

STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

**Ħarġa Nru. 11/2009**

**Novembru 2009**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar l-istatistika monetarja għax-xahar ta' Novembru 2009.

Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro naqset b'EUR97.1 miljun, jew 1.1%, matul ix-xahar, biex laħqet EUR8.6 biljuni. Minħabba f'hekk, ir-rata annwali fit-tkabbir tiegħu baqgħet negattiva, b'aktar tnaqqis għal -3.7% minn -1.7% f'Ottubru.

Il-komponent monetarju ristrett (M1) naqas bi EUR13.1 miljun, jew 0.3%, f'Novembru, minħabba tnaqqis fid-depożiti *overnight*. Dawn waqgħu bi EUR17.9 miljun, jew 0.5%, l-aktar minħabba tnaqqis fil-bilanċi miżmuma minn individwi Maltin u minn istituzzjonijiet finanzjarji li mhumiex banek, li flimkien għelbu żieda li kien hemm fid-depożiti ta' kumpaniji lokali. Id-depożiti *overnight* miżmuma minn residenti oħra taż-żona tal-euro żdiedu wkoll bi ftit matul ix-xahar. Sadanittant, il-flus maħruġa żdiedu b'EUR4.8 miljuni, jew 0.8%. Minħabba f'hekk, fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir tal-M1 battiet għal 7.6% minn 10.8% f'Ottubru.

Dan it-tnaqqis fl-M1 ikkontribwixxa għal tnaqqis fil-komponent monetarju intermedju (M2) ta' EUR100.1 miljun, jew 1.1% f'Novembru. Madankollu, il-fattur ewlieni wara din il-waqgħa kien tnaqqis ta' EUR84.6 miljun, jew ta' 1.9%, fid-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas. Min-naħa tiegħu, dan irrifletta ċaqliq fid-depożiti ta' residenti oħra fiż-żona tal-euro għaliex dawk tar-residenti Maltin fil-fatt kibru bi EUR18.5 miljun, minħabba bilanċi ogħla miżmuma minn kumpaniji privati mhux finanzjarji. B'riżultat ta' dan, għalkemm baqgħet waħda negattiva, ir-rata annwali tat-tkabbir ta' dawn id-depożiti miżmuma minn residenti Maltin irkuprat bi ftit, u telgħet għal -10.3% f'Novembru minn -11.6% x-xahar ta' qabel. Fil-frattemp, id-depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew anqas naqsu.

B'kollox, id-depożiti ta' residenti lokali naqsu bi EUR3.1 miljuni f'Novembru. B'riżultat ta' hekk, ir-rata tat-tkabbir annwali tagħhom naqset għal -1.6% minn -1.1% f'Ottubru. Parti minn dan it-tnaqqis kien dovut għall-ħruġ ta' titoli mill-gvern u minn kumpaniji matul ix-xahar, li wassal għal ċaqliq lil hinn mill-assi monetarji.

Is-self lil residenti ta' Malta kiber b'EUR45.5 miljun, jew 0.5%, f'Novembru, biż-żieda tkun dovuta l-aktar għal self meħud minn residenti lokali eskluż is-settur tal-gvern ġenerali. Is-self lil dan tal-aħħar żdied b'EUR41.1 miljun l-aktar minħabba żieda fis-self personali mogħti minn istituzzjonijiet finanzjarji u monetarji għall-iffinanzjar ta' xiri ta' djar, lis-settur tal-elettriku, gass u tal-ilma kif ukoll lis-settur tal-proprjetà, kiri u negozju. Mill-banda l-oħra, is-self lis-setturi tan-negozju bl-ingrossa u bl-imnut u lil dak tat-trasport, ħażna u komunikazzjoni naqas. Sadanittant is-self lill-gvern ġenerali

kiber b'EUR4.4 miljuni matul ix-xahar. Kollox ma' kollox, ir-rata annwali tat-tkabbir fis-self lil residenti Maltin battiet għal 10.0% minn 10.3% f'Ottubru.

Is-self lil residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona tal-euro kiber b'EUR16.2 miljun f'Novembru, hekk kif banek lokali żiedu l-bilanċi miżmuma ta' titoli maħruġa minn gvernijiet tal-kumplament taż-żona tal-euro. Kumplessivament, is-self totali lil residenti taż-żona tal-euro kiber b'EUR61.7 miljun.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn banek residenti f'Malta u residenti barra ż-żona tal-euro, żdiedet b'EUR136.3 miljun, jew 2.1%, f'Novembru. Dan ġara minħabba li l-banek residenti naqqsu s-self tagħhom mingħand istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji barra ż-żona tal-euro. Dan għeleb it-tnaqqis fis-self mogħti minn banek residenti lil residenti barra ż-żona tal-euro.

F'Novembru, il-kontropartijiet l-oħra tal-M3 kibru b'EUR295.0 miljun, jew 2.7%, prinċipalment minħabba transazzjonijiet bejn il-banek fiż-żona tal-euro, li jidhru bħala 'obbligazzjonijiet oħra (netti)'. B'mod partikolari, il-banek lokali żiedu s-self tagħhom mingħand banek oħra fi bnadi oħra taż-żona tal-euro. Din iż-żieda għelbet l-effett taż-żamma ta' aktar titoli ta' self maħruġa għat-tul minn istituzzjonijiet monetarji u finanzjarji residenti fi bnadi oħra taż-żona tal-euro. L-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal żdiedu wkoll l-aktar minħabba li kiber il-qligħ imfaddal.

F'Novembru, ir-rata tal-imgħax medja ppeżata kif applikata minn banek residenti fuq depożiti ta' klijenti naqset b'5 punti bażi għal 1.49%, filwaqt li r-rata tal-imgħax medja ppeżata applikabbli għal self ċkienet biss b'punt bażi għal 4.46%.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista' tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta' Malta [www.centralbankmalta.org](http://www.centralbankmalta.org)***

# BANK CENTRALI TA' MALTA

## IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGHHOM[1]

*€ miljuni*

| | | Nov-09 | Ott-09 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla percentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Nov-08 | Bidla Annwali | Bidla percentwali fuq is-sena ta' qabel |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **L-AGGREGATI MONETARJI[2]** | | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **1** | **4,211.9** | **4,225.0** | **-13.1** | **-0.3** | **3,914.6** | **297.3** | **7.6** |
| Flus mahruga[3] | 1.1 | 630.2 | 625.5 | 4.8 | 0.8 | 674.8 | -44.6 | -6.6 |
| Depożiti *overnight* [4] | 1.2 | 3,581.7 | 3,599.5 | -17.9 | -0.5 | 3,239.8 | 341.8 | 10.6 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 1.2.1 | 3,493.1 | 3,512.2 | -19.1 | -0.5 | 3,131.5 | 361.5 | 11.5 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **2** | **8,669.4** | **8,769.5** | **-100.1** | **-1.1** | **9,029.0** | **-359.6** | **-4.0** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 2.1 | 4,211.9 | 4,225.0 | -13.1 | -0.3 | 3,914.6 | 297.3 | 7.6 |
| Depożiti li jistghu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[4] | 2.2 | 109.1 | 111.5 | -2.4 | -2.1 | 114.4 | -5.3 | -4.6 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.2.1 | 109.0 | 111.5 | -2.5 | -2.3 | 114.3 | -5.3 | -4.7 |
| Depożiti li ntrabtu ghal sentejn jew anqas[4] | 2.3 | 4,348.4 | 4,433.0 | -84.6 | -1.9 | 5,000.0 | -651.6 | -13.0 |
| li minnhom: depożiti ta' residenti lokali | 2.3.1 | 4,270.5 | 4,252.0 | 18.5 | 0.4 | 4,758.4 | -487.9 | -10.3 |
| **L-AGGREGAT SHIH (M3)** | **3** | **8,556.7** | **8,653.8** | **-97.1** | **-1.1** | **8,881.1** | **-324.4** | **-3.7** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 3.1 | 8,669.4 | 8,769.5 | -100.1 | -1.1 | 9,029.0 | -359.6 | -4.0 |
| Self kontra titoli | 3.2 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 | 0.0 |
| Titoli ta' self li nhargu ghal sentejn jew anqas[5] | 3.3 | -112.7 | -115.7 | 3.0 | -2.6 | -147.9 | 35.3 | -23.9 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **4** | **13,027.5** | **12,965.8** | **61.7** | **0.5** | **12,033.1** | **994.4** | **8.3** |
| Self lill-gvern generali | 4.1 | 3,147.0 | 3,125.4 | 21.6 | 0.7 | 1,963.2 | 1,183.8 | 60.3 |
| li minnu: self lil gvern generali Malti | 4.1.1 | 1,923.7 | 1,919.4 | 4.4 | 0.2 | 1,550.2 | 373.6 | 24.1 |
| Self lil setturi ohra | 4.2 | 9,880.4 | 9,840.4 | 40.0 | 0.4 | 10,069.9 | -189.5 | -1.9 |
| li minnu: self lil residenti lokali | 4.2.1 | 7,625.1 | 7,584.0 | 41.1 | 0.5 | 7,150.1 | 475.0 | 6.6 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **5** | **6,579.9** | **6,443.6** | **136.3** | **2.1** | **7,779.7** | **-1,199.8** | **-15.4** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 5.1 | 24,852.5 | 25,191.5 | -339.0 | -1.3 | 27,896.5 | -3,044.1 | -10.9 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 5.2 | 18,272.6 | 18,747.9 | -475.3 | -2.5 | 20,116.9 | -1,844.3 | -9.2 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OHRA** | **6** | **11,050.6** | **10,755.6** | **295.0** | **2.7** | **10,931.7** | **118.9** | **1.1** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern centrali | 6.1 | 558.0 | 533.9 | 24.1 | 4.5 | 396.2 | 161.8 | 40.8 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 6.2 | 5,489.2 | 5,436.3 | 52.9 | 1.0 | 4,319.0 | 1,170.1 | 27.1 |
| Obbligazzjonijiet ohra (netti) | 6.3 | 5,003.5 | 4,785.5 | 218.0 | 4.6 | 6,216.5 | -1,213.0 | -19.5 |

(1) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin ghat-totali taż-żona tal-euro.

(2) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti ohra fiż-żona tal-euro.

(3) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fic-cirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro mahruga mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Centrali ta' Malta fil-kapital imhallas tal-BCE), kif ukoll muniti mahruga mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jigi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM. Ghall-2008, gew inklużi l-karti tal-flus u l-muniti tal-lira Maltija li ghadhom ma ssarrfux. Dan ghalhekk jirrappreżenta l-ammont li jifdal ta' flus li nhargu wara li jitnaqqsu l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro (u temporanjament il-flus tal-lira Maltija) miżmuma minn IFM f'Malta.

(4) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern centrali.

(5) Titoli ta' self li nhargu ghal sentejn jew anqas minn IFM f'Malta wara li jitnaqqsu titoli bhal dawn miżmuma minn IFM f'Malta u mahruga minn IFM fi kwalunkwe post fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (hrug ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistghu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi li jinvestu fi swieq tal-flus (MMF).

**Noti:**

L-ahhar data ghandha titqies bhala proviżorja. Is-sinjal '+' jfisser bidla percentwali ta' aktar minn +/- 100.

Sors: Bank Centrali ta' Malta.